MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta ta' l-1 ta' Gunju, 2010

Avviz Numru. 1/2008

**The Catering Centre Company Limited (C-9806)**

**vs**

**Rosario u Claudia konjugi Tabone**
**Mario Schembri**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors promotur datat is-17 ta' Dicembru, 2007 li permezz tieghu s-socjeta` rikorrenti sejhet lill-intimati Rosario u Claudia konjugi Tabone u Mario Schembri quddiem din il-qorti biex jghidu ghaliex m'ghandhomx ikunu kkundannati fit-termini tal-istess rikors promotur biex:

1. Ihallsu lill-istess socjeta` rikorrenti fuq indikata s-somma ta' tmint elef, erba' mija u tmintax-il

Ewro u seba` u tmenin centezmu, (€8,418.87), bilanc minn somma akbar;

2. Bl-ispejjez, kif indikati fl-istess rikors promotur;

Rat ir-risposta tal-konvenut Mario Schembri datata t-18 ta' Jannar, 2008, li permezz taghha wiegeb is-segwenti:

1. Illi hu mhux il-legittimu kontradittur u ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju;

2. Bl-ispejjez, peress li m'ghandu l-ebda relazzjoni guridika mas-socjeta` rikorrenti u ghaliex ma dahal fl-ebda negozju jew ftehim maghha;

Tissottolinea li l-intimati Tabone ghazlu li ma jirrispondux;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat il-kapitolu tas-socjeta` rikorrenti datat il-5 ta' Novembru, 2008 li permezz tieghu ssejhu in subizzjoni l-intimati Rosario u Claudia konjugi Tabone;

Rat is-sentenza taghha fl-ismijiet fuq indikati datata t-13 ta' Novembru 2008 liema sentenza allura kienet biss fil-konfront tal-konjugi Tabone;

Rat il-verbal ukoll datat it-13 ta' Novembru 2008 li permezz tieghu l-kawza tkompliet fil-konfront tal-intimat Mario Schembri biss;

Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

1. Illi din is-sentenza hi issa limitata ghas-sitwazzjoni bejn is-socjeta` rikorrenti u l-intimat Schembri;

2. Illi skont id-Direttur tas-socjeta` rikorrenti l-intimati Tabone kienu xtraw apparat minghand is-socjeta` rikorrenti u a bazi ta' ftehim pattwit bejn l-istess partijiet fid-29 ta' Mejju 2006, u minnhom liberament iffirmat, obbligaw ruhhom li l-pagamenti minnhom dovuti ghal dan l-apparat ihallsuhom ratealment mensilment fit-termini tal-paragrafu numru 2 tal-istess ftehim imsemmi, (ara fol 2);

3. Illi in effetti l-intimati Tabone anke iffirmaw kambjali biex isahhu l-impenn taghhom fir-rigward, liema kambjali jirrizulta li gew anke depozitati l-bank;

4. Illi effettivament jirrizulta wkoll li wara li s-socjeta` intimata effettwat il-konsjenja dovuta tal-apparat mixtri, l-intimati Tabone kienu bdew jeffettwaw xi pagamenti l-bank fir-rigward;

5. Illi pero` jirrizulta wkoll li l-intimati Tabone ma baqghux jeffettwaw dawn il-pagamenti kif obbligati izda wara li l-konjugi Tabone ingibdilhom l-attenzjoni ghal dan, huma assiguraw lill-bank u lis-socjeta` rikorrenti li kienu ser jonoraw l-impenji minnhom assunti;

6. Illi nonostante din l-assigurazzjoni, il-pagamenti li kien ghad fadal ma gewx effettwati u s-socjeta` rikorrenti ma kellha l-ebda alternattiva hlief li tipprocedi gudizzjarjament;

7. Illi l-ammont pretiz mis-socjeta` rikorrenti fil-procedura odjerna hu l-ammont li l-kontraenti intimati konjugi Tabone ghad fadlilhom ihallsu lis-socjeta` de quo;

8. Illi fil-*cursus* ta' din il-vertenza s-socjeta` rikorrenti irrizultala li l-fond li ghalieh inxtara l-apparat de quo kien gie mibjugh mill-intimati Tabone lill-intimat Schembri;

9. Illi meta l-intimat Schembri gie nformat bil-vertenza in dizamina mill-ewwel wera` li kien estraneu ghall-istess u effettivament, li kien sorpriz;

10. Illi kien ghalhekk li s-socjeta` rikorrenti hasset li ghandha tipprocedi wkoll fil-konfront tal-intimat Schembri;

Ikkunsidrat:

Illi l-vertenza odjerna hi limitata mill-fatt li din il-qorti gia` ppronunzjat ruha, ghalkemm in subizzjoni, fil-konfront tal-intimati konjugi Tabone;

Ili ghalhekk il-vertenza odjerna hi esklussivament limitata fil-konfront tal-intimat Schembri;

Ikkunsidrat:

Illi l-apparat in dizamina inxtara a bazi ta' skrittura privata redatta esklussivament bejn is-socjeta` rikorrenti u l-intimati konjugi Tabone;

Illi ghalhekk in-ness gudizzjarju li jezisti hu esklussivament dak li jirrizulta naxxenti mill-iskrittura de quo datata d-29 ta' Mejju, 2006, u tivvinkola biss lill-firmatarju tal-istess, molto piu` meta ma jirrizultax li xi obbligi hemm naxxenti gew moghddija lill-intimat Schembri meta dan ha l-fond fejn gie stallat l-apparat de quo;

Illi ghalhekk ghandu jkun pacifiku li l-intimat Schembri hu ghall-kollox estraneu ghall-vertenza stante li ma jirrizultax mill-atti li ghandu xi relazzjoni guridika fir-rigward;

Ghaldaqstant, in vista tal-premess, filwaqt li terga' tirreferi ghas-sentenza taghha datata t-13 ta' Novembru 2008, ghal dak li jirrigwarda lill-intimat Mario Schembri takkolji r-risposta tieghu tat-18 ta' Jannar 2008 u konsegwentement:

1. Tirrespingi t-talbiet tas-socjeta` rikorrenti kif indirizzati minnha fil-konfront tal-intimat Schembri;

2. Tillibera lill-istess intimat Schembri mill-osservanza tal-gudizzju;

**Bl-ispejjez ta' din il-procedura hawn ezaminata kontra s-socjeta` rikorrenti.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------